# Niftakar

## Anton Buttigieg

Analiżi ta'

**Audrey Borg u Marquita Galea**
**Skola St Francis, Tas-Sliema**

# Il-Kontenut

- F’din l-eleġija Buttiġieġ jagħti żewġ stampi ta’ żewġ ġrajjiet importanti ħafna f’ħajtu: l-isbaħ jum tal-ħajja tiegħu, meta ngħaqad fis-sagrament taż-żwieġ ma’ martu, u l-agħar ġurnata li għex, meta kellu jinfired u jidfen lil dik li tant ħabb.

Grupp Deċiżi



# Id-Deskrizzjoni tat-Tieġ

- Għall-ewwel jiddeskrivi t-tieġ
- In-nota ta' ferħ li daqqew il-qniepen
- Il-fwieħa taż-żahar tal-fjuri
- L-għafsa ta' id martu meta laħqitu fil-knisja
- Il-mant twil abjad (simbolu ta' safa) tagħha
- Id-dija u d-dawl tal-karozzella li wasslet lill-għarusa sal-knisja
- In-nies li ferħulhom u xtaqulhom ir-risq hekk kif tefgħulhom ir-ross
- L-ikel u x-xorb li ċċelebraw bihom hekk kif ingħabru flimkien wara ċ-ċelebrazzjoni reliġjuża
- Iż-żfin (il-foxtrot, it-tango u l-waltzer)

Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea

# L-Ewwel Parti

- Din l-okkażjoni hekk importanti f'ħajjet il-poeta u martu ma kinitx tkun kompluta mingħajr il-barka t'Alla u tal-Madonna. L-għaqda ta' Buttiġieġ ma' martu kienet imbierka minn Alla, hekk kif hu u martu huma mxebbha ma' Adam u Eva fil-Ġnien tal-Eden. Issa ma baqgħux iktar żewġ persuni distinti minn xulxin iżda saru ħaġa waħda hekk kif huma wiegħdu mħabba eterna lil xulxin.

Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea

# It-Tieni Parti

Il-ħolm, il-pjanijiet ta' ħajja twila flimkien jispiċċaw ħesrem bħalma jiddeskrivi l-poeta fit-tieni ritratt li jagħti. Issa jiddeskrivi l-funeral ta' martu, u jsemmi:

- In-nota ta' dwejjaq tal-qniepen
- Ir-riħa tal-ward tal-kuruni
- Il-gandlieri
- L-iltiema jitolbu
- In-nies li din id-darba ġew jaqsmu n-niket u mhux il-ferħ
- Il-ħsejjes taż-żwiemel li din id-darba firdu lil martu minn miegħu hekk kif wasslu l-ġisem mejjet tagħha saċ-ċimiterju
- Is-sens qawwi ta' solitudni li ħass meta sab ruħu waħdu d-dar:

*"ħdejn sodda ta' tnejn*
*mifruxa ta' xejn!"*



Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea

# L-Element Folkloristiku

- Il-parilja fit-tieġ
- Iż-żwiemel fil-funeral
- L-iltiema fil-funerali
- It-tfigħ tar-ross fit-tiġijiet
- Iż-żfin fit-tiġijiet

Grupp Deċiżi

## L-Element Reliġjuż



Minkejja t-tbatija li ġarrab, xorta baqa' jdur lejn Alla u lejn il-fidi

Audrey Borg u Marquita Galea

# It-Teknika

- Din hija eleġija mibnija fuq il-vers ħieles b'rima varjata (specjalment ir-rima mbewsa).
- Il-lingwaġġ sensorju.
- L-użu tal-polisindeto jagħmel il-vrus iktar mexxejja.
- l-aspett reliġjuż u r-referenza biblika (meta Buttiġieġ jisħaq li r-rabta tiegħu ma' martu kienet imbierka minn Alla, u meta jxebbah lilu nnifsu u lil martu ma' Adam u Eva), jixhdu l-profondità tar-relazzjoni bejn il-poeta u martu.
- Il-kuluri għandhom rwol importanti:
- L-abjad u l-aħmar imsemmija f'jum it-tieġ
- L-iswed u l-vjola msemmija f'jum il-funeral

Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea

# Il-Kuntrasti

- Il-plural użat fl-ewwel parti tal-poeżija: "imħabbitna sbuħitna", huwa f' kuntrast mas-singular li l-poeta juża: "żgħożitek, sbuħitek", sabiex jisħaq kif issa li martu mietet, mhux biss spiċċa waħdu, iżda mietet ukoll parti minnu.
- Il-personifikazzjoni tal-baħħ tkompli tisħaq fuq is-sens qawwi ta' solitudni li ħakem lil Buttiġieġ, issa li kellu jinfired minn ma' dik li kien fassal il-kumplament ta' ħajtu.

Grupp Deċiżi

- Bidla kuntrastanti fil-burdata u fit-ton mill-ewwel għat–tieni strofa
- It-ton ċelebrattiv isir ton traġiku
- Il-paralleliżmu bejn l-ewwel u t-tieni parti jkompli jisħaq fuq dawn il-kuntrasti

Grupp Deċiżi



Audrey Borg u Marquita Galea

# Termini Letterarji

- Anafora – "*il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,*

  *il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu*"
- Epiżewski – "*ftit, ftit*"
- Metafora – "*qalb waħda, nifs wieħed*"
- Onomatopea – "*iżaqżaq*"
- Similitudni – "*il-kejk qisu torri bajdan*"
- Sinkope – "*mb'għad*"

Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea

# Xi Termini Letterarji oħra

- **L-Antistrofa** sseddaq is-sens ta' għaqda u ta' mħabba fil-koppja miżżewġa friska:

  *"jien u int*

  *u int u jien"*

- **Il- Polisindeto** tisħaq fuq il-katina ta' tifkiriet li għandu l-poeta ta' dawn l-okkażjonijiet:

  *"u l-għafsa ta' idek ma' driegħi,*

  *u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani,*

  *u l-mantar bajdani"*

Grupp Deċiżi

Audrey Borg u Marquita Galea